FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 1 TA' MARZU 2017

Spett. Carol Fabri et

Vs

Philip Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta' karta tal-identita numru 30858M akkuzat talli:

1. fil-Qrendi nhar is-16 ta' Lulju 2013 ghall-habta tal-0530hrs ta' filghodu ta nar lil bini gharix, dar, mahzen, hanut, dar ta' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, jew lok iehor, izda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna filwaqt tal-hruq, jew volontarjament ta' n-nar lil materjal li jaqbad u dan il-bini, gharix jew lok iehor, jew dan il-materjal, ikun qieghed b'mod li jista' jqabbad il-hruq lil bini iehor, gharix, jew lok iehor, fejn f'dak il-waqt hemm gewwa jkun hemm xi persuna ghad-dannu ta' Marija Pace u/jew xi persuni ohra;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' delitt ta' serq aggravat ta' flus u deheb, minn residenza 47, John Mary, Triq Bali Guarena, Qrendi, taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku dan id-delitt gie esegwit kien ikun kkwalifikat bil-hin, lok, bil-mezz u bil-valur, liema valur jeccedi aktar minn €2329.37 ghad-dannu ta' Marija Pace;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' id-dar ta' abitazzjoni ta' Marija Pace u l-membri tal-familja taghha, liema hsara hija izjed minn €1,164.69;

Il-Qorti mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Philip Camilleri moghti b'digriet mill-Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D nhar il-11 ta' Frar 2011 u tordna l-arrest mill-gdid tal-imsemmi imputat kid ukoll tordna li s-somma ta' €5,000 jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-udjenza qabel din tal-lum u isostniha anka wara li l-Qorti tahtu hin jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat jorigaw mill-fatt li kien dahal fid-dar ta' abitazzjoni numru 7 'John Mary' Triq il-Bali Guarena, Qrendi, minghajr ebda permess tas-sid u taha n-nar. Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali huwa jinsab akkuzat ai termini tal-Artikolu 317(b), 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f) u 325(1)(a) u 579 tal-Kap 9.

Trattati seriatim l-akkuzi:

1. Taht l-Artikolu 317(b) tal-Kap 9. Dan jipprovdi li kull min volontarjament jaghti n-nar lil bini..meta ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq..jehel meta jinsab hati – (b) jekk il-hruq ma jqabbadx il-bini..il-piena ta' prigunerija minn tlett snin sa hames snin.

Jirrisulta mill-provi in atti li l-hruq 'de qua' kien jolqot residenza, ftit metri 'l fuq minn dik fejn kien joqghod l-imputat. Fl-istqarrija tieghu rilaxxjata mill-Ispettur Prosekutur l-imputat jammetti li kien hu li appiccika n-nar. Minbarra dan jinsab stabbilit mill-Professur Professur Alfred Vella li n-nar kellu origini doluza. Mir-relazzjoni tieghu, esebita mal-proces verbal, johrog li fil-post kienu sehhew tlett hgejjeg imkebbsin separatament minn xulxin, wiehed fil-kamra tas-sodda fis-sular ta' fuq, li tnejn minnhom kienu inqabbdu. Fl-istess vena huwa r-rapport tal-Perit Richard Aquilina li stqarr pero' li ma kienx hemm danni strutturali lill-bini izda l-hsara rekata lill-post kienet ta' €4,696 eskluz hsara fuq hwejjeg u mobbli.

2. Taht l-Artikolu 41(1)(a), 261(b)(c)(e)(f) tal-Kap 9.

Wkoll, hawnhekk, jirrisulta mill istqarrija tal-imputat li kien hu li sgassa l-bieb principali tal-fond. Stqarr li kien ghamel hekk permezz ta' skarpel tat-tifel tieghu u r-raguni kienet sabiex forsi jsieb xi deheb u flus u jiehdu; pero' ma sabx xejn u difatti ma nsteraq xejn. Pero' l-attentat ta' serq aggravat bil-mezz, hin u lok indubbjament jirrisulta; mhux wkoll l-aggravju tal-valur li ma giex ippruvat.

3. Taht l-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9.

Hemm ir-relazzjoni tal-Perit Arkitett Richard Aquilina li hija cara fir-rigward id-danni rekati li jeccedu l-€2500. Oltre dan, a folio 140, hemm stima presentata mid-danneggjata li tlahhaq is-somma ta'€14,618.96 munita b'fatturi in sostenn taghha li jindikaw danni fuq hwejjeg u mobbli li ma kienux kunsiderati mill-Perit Arkitett.

4. Taht l-Artikolu 579 tal-Kap 9.

Ghad-eccezzjoni tal-ammissjoni tal-imputat registrata fl-ahhar udjenza qabel din tal-lum, il-provi fir-rigward ma ingabux, l-akkuza pero' hija pruvata stante l-ammissjoni..

Ikkonsidrat:

L-imputat mhux qieghed jigi akkuzat li huwa recidiv. Izda irrispettivament, il-Qorti hi tal-fehma li mhux rakkomandabbli prigunerija effetiva jew sospiza minhabba l-istat mentali tal-imputat, li jbati minn 'schizoaffective disorder' ossija dizordni li taffetwa l-imgieba, l-emozzjonijiet u hsibijiet, u ghalhekk sejra tadotta piena li fil-fehma taghha hija illum idoneja.

Rat ghalhekk l-Artikolu 317(b), 41(1)(a), 261(b)(e)(f),264,267,269,270,278(3), 325(1), 579 u 17(b) tal-Kap 9.

Rat li l-imputat ilu jinzamm arrestat sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri, cioe' mis-17 ta' Lulju 2013. Tikkundannah ghalhekk il-perjodu li gja ghamel taht arrest preventiv minghajr remissjoni u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 abbinat mal-Artikolu 7(5) tal-Kap 446 tpoggih taht ordni ta' trattament ai termini tac-citat artikolu u taht il-kura tal-konsulent Psikjatra Dr Joseph Vella Baldacchino.

Fl-ahharnett ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tikkondannah ihallas l-ispejjes tal-esperti nominati f'dawn il-proceduri zmien xahar li jigi notifikat bihom mir-registratur ta' dawn il-Qrati.

A.M.Trigona
Magistrat